MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2009

Avviz Numru. 558/2004

**Martin Bonello Cole, Joseph Pullicino, Austin Demajo u Mark Bugeja f'isimhom proprju u fl-isem u fl-interess tad-Ditta Grant Thornton**

**Vs**

**Union Press Co. Ltd. u Union Print Co. Ltd**

**Il-Qorti:-**

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi nhar id-dsatax (19) t'Ottubru 2004 fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas *in solidum* lis-socjeta attrici, s-somma t'elfejn, tlett mija u sittin lira Maltin (LM2,360) rapprezentanti drittijiet professjonali u taxxa fuq valur mizjud ghal servizzi rezi mill-Managing Partner tal-istess ditta attrici, u cioe Martin Bonello Cole, fil-kapacita ta' Chairman taz-zewg socjetajiet konvenuti, liema servizzi gew rezi fuq inakrigu taghhom u dan skond *statement* anness u mmarket bhala Dok. 'A'.

Bl-ispejjez kollha, inkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali, kif ukoll dawk tal-Ittra Interpellatorja li ggib id-data tat-tnax (12) ta' Marzu 2004, tal-Ittra Ufficcjali li ggib id-data tas-sebgha (7) ta' Lulju 2004 u bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-istess Ittra Ufficcjali kontra s-socjetajiet konvenuti li d-diretturi taghhom kienu ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti fejn eccepew is-segwenti:-

1. Illi l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li l-ammont dovut lill-attur Martin Bonello Cole ghal servizzi professjonali fil-kapacita ta' Chairman, huwa ta' elf, mija u tmenin lira Maltin (LM1,180) u mhux l-ammont pretiz mill-atturi.

2. Illi l-ammont ta' LM1,180 gie offrut lill-attur Martin Bonello Cole u gie ingustament rifjutat minnu w ghalhekk l-ammont dovut ta' LM1,180 gie depositat taħt l-awtorita ta' din l-Onorabbli Qorti.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi nhar it-tletin (30) ta' Marzu 2005 l-attur ipprezenta zewg affidavits, dak tieghu u dak tax-xhud Mario Vella. Fl-affidavit tieghu l-attur **Martin Bonello Cole** jghid a fol. 11 et seq, li huwa jokkupa l-kariga ta' Managing Partner mas-socjeta Grant Thornton, li hija ditta t'*accountants* li topera minn ufficcju f'Ta' Xbiex. Huwa, kif ukoll l-atturi l-ohra, jesercitaw l-professjoni ta' Certified Public Accountants w huma lkoll socji ta' din id-ditta.

Jispjega li f'Dicembru 2002, kien gie avvicinat minn Tony Meilaq bi proposta fir-rigward tal-kumpaniji konvenuti u staqsih jekk kienx ikun nteressat li jsir Chairman ta' dawn iz-zewg socjetajiet. Huwa wera x-xewqa li kien interessat, pero haseb li kien ikun ahjar li jiltaqa ma Tony Zarb, is-Segretarju tal-General Workers Union, li hija l-azzjonista ta' dawn iz-zewg socjetajiet. Staqsih kemm kienu lesti li jhallsu bhala *fees* u dan wiegbu li fil-fehma tieghu, hlas ta' circa LM4,000 minn tal-inqas kien ikun xieraq. Huwa qallu

li f'dak il-kaz, kien ikun interessat w ghalhekk talbu sabiex ighamillu appuntament ma Tony Zarb sabiex jiddiskutu f'aktar dettal dan l-impieg. Quddiemu, kien cempel lil Tony Zarb u kienu rrangaw appuntament ghal gimgha ta' wara. Dak il-hin stess, dan Tony Meilaq kien qal lil Tony Zarb li huwa kien qed jippretendi mill-inqas is-somma ta' LM4,000 u Tony Zarb qallu li kienu ser jiddiskutu dan il-punt fl-inkontru taghhom.

Meta ltaqghu, ftehmu x'kellu jsir u x'kienu il-htigijiet tal-kumpaniji u baqghu li Tony Zarb kellu jibghatlu t-*terms of reference* bil-miktub u fost il-kundizzjonijiet li kienu qablu, kien hemm dik tas-salarju li kien ta' LM4,000 fis-sena.

Fl-ghaxra (10) ta' Jannar 2003 rega' ltaqa' ma Tony Meilaq bil-ghan li jiddiskutu l-htigijiet tal-kumpaniji u fit-tlettax (13) ta' Jannar 2003, huwa kellu nkontru ma Silvio Debono, li kien qed jiehu hsieb il-*management assignment* taz-zewg kumpaniji u dan Silvio Debono tah zewg *business plans* tal-kumpaniji sabiex jistudjahom u dan sabiex ikun jista jifhem b'mod generali f'liema stat kienu jinsabu l-kumpaniji l-*forecasts* taghhom kif ukoll it-*targets* u sabiex ikun jista jipprepara ruhu ghad-diskussjonijiet li kien ser ikun hemm fl-ewwel laqgha tal-Bord tad-Diretturi.

Fil-wiehed w ghoxrin (21) ta' Frar 2003 kellu l-ewwel laqgha mal-Bord tad-Diretturi taz-zewg kumpaniji u wara dik il-laqgha, ltaqghu regolarment kull gimgha u dan li minkejja li kien ghadu m'irceviex bil-miktub dak li kien ftehem ma Tony Zarb u dan minkejja wkoll li kull tant zmien kien ifakkru sabiex jiktiblu, jaghtih t-*terms of reference* u konferma tal-*fees* bil-miktub.

Fis-sitta w ghoxrin (26) ta' Marzu 2003 kellu nkontru ma Tony Zarb biex jiddiskutu l-progress tal-kumpaniji. F'dan l-inkontru, huwa qajjem diversi problemi, fosthom il-kwistjoni tat-*terms of reference* u l-*fees*. Fit-tlieta (3) t'April 2003 huwa kiteb lil Tony Zarb sabiex jikkonferma dak li kienu idduskutew fl-inkontru tas-sitta w ghoxrin (26) ta' Marzu 2003 (vide Dok. MBC 1.) Ghal din l-ittra huwa ma kien ircieva l-ebda risposta w ghalhekk rega' kiteb lil

Tony Zarb fit-tlieta w ghoxrin (23) ta’ Gunju 2003 u gibidlu l-attensjoni li kien ghadu m’ircieva ebda risposta minghandu b’mod partikolari fir-rigward tal-*fees*.  Huwa esebixxa kopja ta’ din it-tieni ittra li giet immarkata bhala Dok. MBC 2.  Wara li kienu ghaddew gimghatejn, kien ircieva telefonata minghand Manwel Micallef li talbu sabiex imur jarah fil-hdax (11) ta’ Lulju 2003.

F’din il-laqgha, Manwel Micallef kien infurmah li l-Kunsill tal-General Workers Union kien approva *fee* ta’ LM2,000 fis-sena biss fir-rigward tal-rwol ta’ Chairman taz-zewg kumpaniji konvenuti.  Huwa ghalhekk infurmah li ma kienx lest li jkompli jaghti servizz u fakkru li kien ghadu qed jistenna risposta minghand Tony Zarb ghall-ittri tieghu precedenti.  Dan Tony Zarb baqa’ ma baghat ebda risposta w ghalhekk, fit-tletin (30) ta’ Lulju 2003, huwa baghat ittra ta’ rizenja mill-posizjoni ta’ Chairman kif jirrizulta mid-Dok. MBC 3 esebita.

Wara din l-ittra, huwa kien ircieva ittra minghand Manwel Micallef datata erbgha (4) t’Awwissu 2003 indirizzata lilu bhala Chairman taz-zewg kumpaniji konvenuti kif jirrizulta mid-Dok. MBC 4 u f’din l-ittra kien hemm miktub it-*terms of reference* li kien ilu jitlob sa mill-bidu tas-sena.  Gie mgharraf ukoll li l-*fees* tieghu ta’ Non Executive Chairman kienu ta’ LM2,000 w apparti dan kien ser jithallas apparti ta’ kwalunkwe xoghol iehor li kien ser jaghmel fil-kapacita tieghu profesjonali u dan skond rati miftiehma mal-kumpanija li tkun ser titlob is-servizz tieghu.

Jghid li sussegentement kellu telefonata minghand Tony Zarb fejn talab li jiltaqa’ mieghu u fil-hmistax (15) t’Awwissu 2003, huma ltaqghu.  Jghid li f’dan l-inkontru, Tony Zarb qallu li huma xtaqu li huwa ikun Chairman taz-zewg kumpaniji u li kienu ppreparati sabiex ihallsuh dak li kien qed jitlob, pero sabiex ma jinholoqx precedent mac-Chairmen tal-kumpaniji l-ohra, li maghha kellha x’taqsam il-General Workers Union, kienu qed jipproponu li ihallsuh is-somma ta’ LM2,000 bhala Chairman *fees* u l-bilanc, bhala *fees* ghal servizzi addizjonali.  Spjega li hu kien interessat li tiddahhal is-somma ta’ LM4,000 u spjegalu li kien hemm hafna *restructuring* xi jsir li kien jirijedi hafna

hin u stharrig. Qal li ix-xoghol kollu li kien hemm bzonn isir ma jiggusitifkax is-somma ta' LM2,000. Qallu li kellu bzonn isiefer ghal xahar u Tony Zarb wiegbu li ma kienux mghaggla, ghax fis-sajf, il-Bord ma jiltaqghax. Qallu li meta jirritorna kellu jiltaqa' ma Manwel Micallef sabiex jiffinalizza l-kwistjoni.

Huwa mar lura x-xogol u minnufih kien kiteb ittra lil Manwel Micallef u spjegalu dak kollu li kien gie diskuss bejnu u bejn Tony Zarb fil-laqgha li kellhom u dan kif jirrizulta minn esami tal-ittra esebita u mmarkata bhala Dok. MBC 5 u qallu li appena jigi lura minn barra, kellhom jiltaqghu sabiex jikkonkludu il-pendenza.

Meta rritorna lura f'Settembru, huwa cempel lil Stephen McCarthy, wiehed mid-Diretturi tal-kumpaniji tal-General Workers Union sabiex jistaqsih kif kienu sejrin l-affarijiet u dan qallu li kienu appuntaw Chairman iehor minfloku. Huwa kien sorpriz hafna ghaliex fil-fatt qatt ma kien ircieva xi ittra minghand Tony Zarb jew Manuel Micallef fejn infurmawh li kienu accettaw ir-rizenja tieghu u li nehhewh minn Chairman. Qal li kien ircieva ittra wahda biss minghand Tony Zarb, fejn dan allega li huwa kellu motivi ulterjuri sabiex kien ipprezenta r-rizenja tieghu.

Huwa rega' cempel lil Tony Zarb u talbu sabiex jiltaqghu w hekk ghamlu, ltaqghu fis-sittax (16) ta' Dicembru 2003 w infurmah li ma kellu ebda raguni ohra salv dawk imsemmija fl-ittra tieghu stess li kien baghat ghar-rizenja. Fakkru li meta kienu ltaqghu fil-hmistax (15) t'Awwissu 2003 huwa kien accetta l-kundizzjonijiet tieghu u kien ghalhekk li kien accetta li jibqa hemm.

Wara dan l-inkontru, ma reġghax sema' minghand Tony Zarb w ghalhekk hareg kont tas-servizzi li kien taha bhala Chairman matul l-ewwel sitt xhur tas-sena 2003 a bazi ta' dak li kienu ftehmu u cioe s-somma ta' LM4000 fis-sena w ghalhekk baghat kont ghas-somma ta' LM2,000 oltre l-VAT. Tony Zarb qallu sabiex jibghat il-kont direttament lis-socjetajiet konvenuti. Ikkonferma li dan id-diskors sar quddiem Dr. Mario Vella, Direttur tas-socjeta Grant Thornton li kien attenda ghal din il-laqgha mieghu. Il-kont

li huwa baghat huwa dak anness mal-avviz w immarkat bhala Dok. ‘A’.

Jispjega li fis-sebgha w ghoxrin (27) ta’ Frar 2004 huwa kien irceiva cekk esebit w immarkat bhala Dok. MBC 7 li kien ikopri nofs is-somma ta’ dan il-kont. Jghid li huwa ma sarrfux u baghtu lura flimkien m’ittra mill-konsulent legali tieghu (Dok. MBC 8). Jghid li l-ammont baqa’ ma thallasx w ghalhekk kellu jipprezenta Ittra Ufficcjali li kopja taghha hija esebita fl-atti w immarkata bhala Dok. MBC 9. Sussegwentement giet istitwita din il-kawza.

In kontr’ezami nhar l-erbgha w ghoxrin (24) ta’ Mejju 2007 jikkonferma li l-*fees* minn dejjem kienu diskussi fil-laqghat u l-*intendere* kien, li kont ser jircievi s-somma ta’ LM2,000 fis-sena ghal kull kumpanija konvenuta. Dan id-diskors sar kemm quddiem Tony Meilaq kif ukoll quddiem Tony Zarb. Jghid li Tony Zarb qatt ma kkonfermalu dawn il-*fees,* izda qatt ma cahad li kien intitolat ghalihom. Jghid li pero, qatt ma qalulu kien hemm bzonn tal-approvazzjoni ta’ xi Kunsill.

Jghid li huwa kien beda bix-xoghol ta’ Chairman u jaghmel *business plans* u jiċċerja *meetings* b’mod regolari, izda kien f’Lulju 2003 li kien irceiva ittra minghand Manuel Micallef w infurmah li l-Kunsill ma kienx approva l-ammont.

**Mario Vella**, konsulent u Managing Partner mas-socjeta Grant Thornton halef l-affidavit tieghu nhar t-tmienja w ghoxrin (28) ta’ Marzu 2005 (fol. 29 et seq) w ikkonferma li flimkien ma Martin Bonello Cole kien iltaqa ma Tony Zarb fl-ufficcju tal-General Workers Union. Ikkonferma li wahda mill-kwistjonijiet li giet diskussa waqt il-laqgha li kellhom, kellha x’taqsam mal-hatra ta’ Martin Bonello Cole bhala Chairman tas-socjetajiet konvenuti. Jghid li waqt il-laqgha, Tony Zarb ghamel referenza ghall-ittra ta’ rizenja li kien baghtlu Martin Bonello Cole u qallu li kien ghamel hekk ghax kellu xi jghid ma Dr. John Attard Montaldo. Dak il-hin Martin Bonello Cole qallu li dik ma kienitx ir-raguni ghar rizenja tieghu, izda l-unika raguni, kienet li s-socjeta attrici ma kienitx qed tithallas ghax-xoghol li Martin

Bonello Cole kien qed jghamel. Qal li quddiemu, Martin Bonello Cole stqarr, li s-socjetajiet konvenuti ma kienux qed jonoraw il-ftehim li kellhom mieghu. Cahad li fil-verita kellu xi tilwima ma Dr. John Attard Montaldo u kien lest li jikkonfronta lil kull min seta' qallu hekk.

Jiftakar lil Martin Bonello Cole jghid li fil-laqgha precedenti li kellu ma Tony Zarb, il-kwistjoni tal-*fees* kienet giet rizolta. Jispicca billi jghid li d-diskursata spiccat fis-sens li Martin Bonello Cole kien ser jibghat il-kont tieghu u Tony Zarb qallu sabiex jibghatu lis-socjetajiet konvenuti direttament.

**Tony Meilaq** xehed nhar id-dsatax (19) ta' Mejju 2005 u jghid li hu ghandu kumpanija li jisimha Business Process Consulting Limited u huwa Chairman taghha. Jghid li din il-kumpanija taghti servizz ta' *management consultancy* u anke t'*accounting* lil kumpaniji konvenuti. Jghid li s-socjeta tieghu bdiet taghti servizzi lill-konvenuti f'Novembru 2002 w itterminaw is-servizz taghhom sena wara, f'Dicembru 2003. Jghid li Tony Zarb kien staqsih jekk kienx jaf persuna idoneja sabiex tkun ic-Chairman tas-socjetajiet konvenuti u huwa kien issugerixxa lil Martin Bonello Cole ghal din il-posizjoni. Wara li Tony Zarb qallu li kien accettabli ghalih, ghamel laqgha u qal lil Martin Bonello Cole dwar din il-proposta. Informa lil Martin Bonello Cole li din il-posizjoni kellha wkoll renumerazzjoni. Ikkonferma li bejnu u Martin Bonello Cole issemmiet is-somma ta' LM2,000 fis-sena ghal kull kumpanija.

Jghid li mill-impressjoni tieghu, din is-somma issemmiet fil-*meeting* u giet ukoll accettata. Jiftakar lil Martin Bonello Cole jghid lil Tony Zarb sabiex jibghatlu kollox li kienu ftehmu verbalment bil-miktub. Jghid li Martin Bonello Cole beda bl-inkarigu f'Dicembru 2002 u beda jiċċerja xi *meeting*. Jghid li il-*partner* fil-kumpanija tieghu, kien dak iz-zmien Silvio Debono, pero dan ma baqax mieghu. Jghid li fis-sajf tas-sena 2003, Martin Bonello Cole ma baqax ic-Chairman tal-kumpaniji konvenuti u kien hemm xi hadd iehor li ċċerja l-*meetings*. Mistoqsi jekk

Martin Bonello Cole kienx jaghti xi servizz iehor, apparti dak ta' Chairman lis-socjetajiet konvenuti, jghid li ma jafx.

**Tony Zarb** xehed fil-hmistax (15) ta' Novembru 2006 w ikkonferma li f'Dicembru 2002 is-socjetajiet konvenuti kienu avvicinaw lil Martin Bonello Cole sabiex ikun Chairman taghhom. Ikkonferma li qabel ma fil-fatt gie appuntat, kellhom xi laqghat fejn iddiskutew xi kundizzjonijiet u meta staqsieh x'kien qed jippretendi ta' dak li kien ser jghamel, hu kien semmielu s-somma ta' LM4,000 sabiex ikun Chairman taz-zewg kumpaniji. Jghid li huwa ma tahx risposta definittiva dak il hin u qallu li kien ser jaghtih risposta wara li jkollu l-approvazzjoni tal-Kunsill. Huwa ghalhekk ressaq mozzjoni quddiem il-Kunsill u l-Kunsill approva l-hatra tieghu bhala Chairman, izda ghal dak li kellu jithallas, il-Kunsill approva biss somma ta' LM1,000 fis-sena ghal kull kumpanija. Jghid li d-decisjoni tal-Kunsill ma kienitx tirigwarda biss l-onorarju tac-Chairman ta' dawn iz-zewg kumpaniji, izda decisjoni li l-kunsill ha kienet tirrigwarda lil kull Chairman tal-kumpaniji sussidarji tal-Union.

Ikkonferma li huwa ma kkomunikax din id-decisjoni lill-attur, izda kien Manuel Micallef li kellu jwassal din id-decisjoni tal-Kunsill lill-attur Martin Bonello Cole. Jghid ukoll li l-Bord taz-zewg kumpoaniju konvenuti, pero kienu wkoll iddecidew illi jekk l-attur, apparti l-kariga ta' Chairman, kien jaghti xi servizz tieghu professjonali lil dawn il-kumpaniji, huwa kellu jithallas ta' dan is-servizz separatament.

In kontr'esami jikkonferma li kien Tony Meilaq li kien issuggerilu li jkun Martin Bonello Cole ic-Chairman tal-kumpaniji konvenuti u kien qallu wkoll li kien qed jippretendi s-somma ta' LM4,000 fis-sena.

Ikkonferma li kellu laqgha ma Martin Bonello Cole fil-bidu tas-sena 2003 fejn spjegalu x'kienet tinvolvi l-kariga ta' Chairman u tah id-dettalji ta' dak kollu li kien mistenni minnu. Ikkonferma wkoll li ghal din il-laqgha Tony Meilaq kien wkoll prezenti.

Jghid li fil-bidu tas-sena 2003 kellu laqgha mal-attur fejn huwa spjegalu x'kienet tinvolvi l-kariga ta' Chairman u tah id-dettalji ta' dak kollu li kien mistenni minnu, u wara din il-laqgha u t-*terms of reference* kienu gew iccarati, l-attur accetta li jsir Chairman taz-zewg kumpaniji konvenuti. Jispjega li sa dak il-hin, kien ghad baqa biss il-kwistjoni tal-onorarju li kellha tigi deciza. Mistoqsi jekk kienx jaf li l-attur kien qed jinsisti li kollox isir bil-miktub, jghid li ma jiftakarx, pero jghid li kellu jkun Manuel Micallef li kellu jiktiblu u jghidlu fuq il-kwistjoni tal-onorarju. Qal li fil-bidu tas-sena 2003 kien qed jahdem Silvio Debono u jfassal *business plan* u *restructuring* taz-zewg kumpaniji konvenuti u fil-verita ma kienx hemm bzonn tal-attur bhala Chairman.

Dan nonostante jghid li l-attur baqa jinsisti sabiex Manuel Micallef jibghatlu kollox bil-miktub u cioe it-*terms of reference* u li jikkonferma li l-onorarju kien ta' LM4,000 fis-sena u dan skond informazzjoni moghtija lilu minn Manuel Micallef. Huwa kkonferma li kien ircieva l-ittra mmarkata bhala Dok. MBC 1, izda ma kienx cert jekk irceviex l-ittra mmarkata bhala Dok. MBC 2, ghalkemm ma jeskludix li seta' rceviha. Jghid li effettivament Manuel Micallef kien kiteb lill-attur ghal habta ta' Lulju 2003 w infurmah bid-decisjoni tal-Kunsill u kien ftit wara li l-attur irrizenja mill-kariga tieghu. Jikkonferma li verament kellu laqgha mal-attur in segwitu ta' din il-korrispondenza, pero cahad li f'dik il-laqgha issemmiet l-onorarju ta' LM4,000 u dan ghaliex id-decisjoni tal-Kunsill kienet fis-sens li ic-Chairmen kollha tas-socjetajiet sussidarji tal-Union, jiehdu is-somma ta' LM1,000 fis-sena. Jikkonferma izda li qallu li seta' jircievi hlas zejjed jekk jaghmel xi xoghol ulterjuri skond il-professjoni tieghu u f'dak il-kaz kien jithallas apparti skond ir-rata miftiehma.

Ikkonferma li kien baghat l-ittra tieghu mmarkata bhala Dok. MBC 6 fejn kien qallu li skond informazzjoni li kellu, l-attur kien irrizenja mill-kariga minhabba ragunijiet ohra mhux konnessi mal-kwistjoni tal-onorarju, izda wara ltaqghu u din il-kwistjoni wkoll kienet giet iccarata u f'din il-laqgha, l-attur insista li kienet il-kwistjoni tal-onorarju biss.

Permezz t'affidavit ipprezentat nhar l-ghaxra (10) t'April 2007, ix-xhud jikkonferma ghal darb'ohra li l-kwistjoni tal-onorarju tal-attur ma gietx diskussa fil-laqgha li kellu mieghu nhar is-sittax (16) ta' Dicembru 2003 fejn prezenti wkoll kien hemm Mario Vella. Huwa cahad ukoll dak li kien qal Tony Meilaq fix-xhieda tieghu.

Illi nhar l-ghaxra (10) t'April 2007 l-konvenut ipprezenta l-affidavit ta' **Stephen Mc Carthy** w ikkonferma li f'Settembru 2003 huwa kien gie appuntat Chairman taz-zewg kumpaniji konvenuti u li kien qed jircievi s-somma ta' LM1,000 fis-sena ghal kull kumpanija.

Nhar it-tmienja (8) ta' Novembru 2007 xehed **Manuel Micallef** fil-kariga tieghu ta' Deputy Chairman tas-socjeta Union Press Co. Ltd u Union Print Co. Ltd. Meta gie muri d-Dok. MBC 4, stqarr li kien hemm insistenza kbira mill-attur sabiex dak li kien gie miftiehem bejnu u l-Union, jigi espress bil-miktub. Huwa kkonferma l-kontenut tal-ittra u stqarr li din giet mibghuta nhar l-erbgha (4) t'Awwissu 2003.

Spjega li normalment, meta jkun hemm xi hadd biex jinhatar Chairman ta' xi kumpanija sussidarja, titressaq fuq l-agenda tal-Kunsill Nazzjonali, hemmhekk tinghata spjegazzjoni, titressaq in-nomina ghad-diskussjoni u fost affarijiet ohra, l-Kunsill jiddecidi jekk jaqbilx jew le mal-proposta li tkun qed issir mar-remunerazzjoni ghal kariga. Jikkonferma li effettivament, din il-kariga kienet giet diskussa fil-Kunsill. Ikkonferma li f'din il-laqgha kien gie deciz li l-onorarju kellu jkun LM1,000 fis-sena ghal kull kumpanija.

Ikkonferma li sa fejn jaf hu, din kellha tkun l-onorarju tieghu. Mistoqsi jekk kienx prezenti ghal laqghat li inzammu ma Tony Zarb u dik fejn kien hemm Tony Meilaq prezenti, jghid li le ma kienx w ghalhekk ma jafx x'intqal f'dawn il-laqghat. Jikkonferma pero li l-attur kien beda ix-xoghol tieghu li kien ghamel xi *business plan* u li kien ikun presenti ghal *meetings* li kienu jinzammu regolarment.

Nhar it-tmienja (8) ta’ Novembru 2007 gew esebiti mill-konvenuti, l-minuti tal-laqgha tal-Bord tad-Diretturi tat-tmienja (8) t’Awwissu 2003 u tal-laqgha Generali Annwali tal-hmistax (15) t’Ottubru 2003.

**Silvio Debono** xehed nhar l-erbatax (14) ta’ Jannar 2008 fejn stqarr illi huwa, flimkien mal-*partners* tieghu, kien jaghmel xi xoghol ta’ *management consulting* mas-socjetajiet konvenuti, kien inkarigat sabiex itejjeb il-qaghda finanzjarja tas-socjetajiet konvenuti. Jghid li kien f’xi zmien fis-sena 2003 meta gie mpjegat sabiex jaghmel dan ix-xoghol.

Nhar it-tlieta w ghxorin (23) t’April 2008, in kontr’esami jghid li l-*business partner* tieghu kien Tony Meilaq u kien jattendi ghal Board of Directors meetings. Ikkonferma li kien jiltaqa mal-attur gieli darba fil-gimgha u gieli aktar sabiex jiddiskutu ir-ristrutturar totali tal-kumpaniji konvenuti. Mal-attur kien jiltaqa fil-kapacita tieghu ta’ Chairman tal-kumpaniji konvenuti.

Jghid li huwa kien prezenti meta Tony Zarb kien issugerixxa lill-attur bhala Chairman. Jghid li pero fil-laqgha li kellhom, ma jiftakarx li kienet issemmiet xi cifra. Jaf li l-attur kien semmielu cifra hafna wara. Jaf ukoll li l-attur kien ilu jigri wara Tony Zarb sabiex jaghtih it-*terms of reference* tieghu u l-onorarju bil-miktub. Ikkonferma li l-laqghat li kien ikollu mal-attur, li kien wiehed regolari, kien ikun fl-ewwel sitt xhur tas-sena 2003.

Rat in-nota t’osservazzjonijiet tal-attur proprio et nomine pprezentata nhar it-tnejn (2) ta’ Frar 2009 (fol. 102) w in-nota responsiva tal-konvenuti.

Ikkunsidrat:-

Illi ‘n sintesi, jirrizulta li l-attur qed jippretendi li ghandu jiehu minghand il-konvenuti s-somma ndikata fl-avviz rappresentanti din is-somma onorarju dovut lilu ghal impieg tieghu bhala Chairman ghall-ewwel sitt xhur fis-sena 2003. Jghid li fil-fatt huwa kien accetta din l-kariga versu l-korrespettiv tal-paga ta’ LM4,000 fis-sena. Huwa

ressaq bhala xhud lil Tony Meilaq, li stqarr li kien presenti meta kien qed jigi diskuss il-ftehim tal-ingagg tal-attur mas-socjetajiet konvenuti u fil-fatt jiftakar ukoll li kienet issemmiet din l-istess somma. L-attur jghid, tant ma kienx hemm nuqqas ta’ qbil dwar dan, li huwa beda l-impieg tieghu mmedjatament u kien dejjem jistenna li l-kunduzzjonijiet tax-xoghol tieghu jigu mibghuta lilu bil-miktub kif fil-fatt jirrizulta mill-ittri li esebixxa fl-atti. Jghid li fil-fatt pero, fethim bil-miktub, qatt m’ircieva u kien ircieva biss ittra minghand Manwel Micallef datata erbgha (4) t’Awwissu 2003, fejn gie nfurmat li l-Kunsill tal-Union kien iddecieda li huwa jinghata s-somma ta’ LM2000 fis-sena u kien ghalhekk li rrizenja mnnufih.

Il-konvenuti, minn naha l-ohra, jghidu li verament l-attur kien gie diskuss fil-laqghat tal-Kunsill sabiex ikun Chairman tal-kumpaniji konvenuti, pero qatt ma kien hemm qbil li r-renumerazjoni tieghu tkun fis-somma ta’ LM4,000. Fil-fatt jghidu li anke ic-Chairmen l-ohra tas-socjetajiet sussidarji tal-Union, jircievu biss l-ammont ta’ LM1,000 fis-sena. Il-konvenuti ressqu bhala xhud lil Tony Zarb, li qal li huwa kien iltaqa’ mal-attur f’diversi okkazzjonijiet u tkellmu dwar l-inkarigu gdid tal-attur u f’hiex kien jikkonsisti, pero cahad li qatt accetta l-onorarju ta’ LM4,000. Qal li huwa kien qal lill-attur, li c-cifra kellha tigi approvata mill-Kunsill, pero jghid li meta l-Kunsill m’accettax din il-proposta, huwa m’infurmax lill-attur u halla kollox f’idejn Manwuel Micallef.

L-attur ressaq bhala xhud lil Silvio Debono u dan qal li huwa kien jiltaqa’ ta’ sikwit mal-attur fil-kapacita tieghu ta’ Chairman taz-zewg kumpaniji konvenuti fl-ewwel sitt xhur tas-sena u kienu jahdmu flimkien minghajr ostakoli ta’ xejn.

Jirrzulta li l-konvenuti fl-ebda hin ma jilmentaw jew jichdu is-servizz li gie moghti mill-attur, izda jaccettaw il-fatt li hadem, tant li huma iddepositaw il-Qorti dak, li fil-fehma taghhom, kellu jiehu l-attur ghal impieg tieghu u cioe nofs dak li qed jippretendi f’din il-kawza.

Illi mill-korrispondenza esebita jirrizultaw w s-segwenti fatti:-

I. Fid-Dok. MBC 1, ittra datata tlieta (3) t'April 2003, l-attur ighid li kien lest li jaccetta l-impieg fost kundizzjonijiet ohra li jircievi is-somma ta' Lm4000 fis-sena bhala onorarju u dan ghas-sena 2003.
2. Fid-Dok. MBC 2, ittra datata tlieta w ghoxrin (23) ta' Gunju 2003 l-attur ifakkar lill-konvenuti li ghalkemm kien ilu hames xhur jahdem bhala Chairman, huwa kien ghadu m'ircieva ebda konferma tal-impieg tieghu, minkejja li kien kiteb lis-Segretarju Generali tal-Union f'diversi okkazzjonijiet.
3. Id-Dok MBC 4, ittra datata erbgha (4) t'Awwissu 2003 ndirizzata lill-attur minn Emanuel Micallef, Deputy Secretary tal-Union, fejn gie infurmat bid-decisjoni tal-Kunsill, u cioe li l-attur kellu jircievi s-somma ta' LM1000 fis-sena ghal kull kumpanija.

Ghalhekk, mis-suespost, jirrizulta bic-car x'kienet l-intensjoni tal-attur meta beda l-impieg tieghu u nuqqas ta' ko-operazzjoni tal-konvenuti li jirrispondu ghat-talbiet tal-attur sabiex jiffinalizza l-kuntratt verbali tieghu ghal wiehed bil-miktub.
Ikkunsidrat ulterjorment:-

Indubitament, ghal konkluzjoni ta' kuntratt, jehtieg li tissussisti dik il-kombinazzjoni ta' manifestazzjoni tal-volonta` tal-kontraenti diretta lejn ftehim unitarju. Ir-raguni
hi wahda ovvja. Hi din l-unitarjeta` tal-kunsens li tikkreja, mbaghad, ir-relazzjoni guridika fl-effetti kollha taghha u taghti lill-kuntratt il-forza ta' ligi li jsemmi l-Artikolu 992 (1) tal-Kodici Civili, w allura wkoll, "l-effett bejn il-partijiet kontraenti biss", kif jinghad fl-Artikolu 1001, Kodici Civili. Effettivament, kif jissokta jinghad f'dan l-ahhar dispost tali kuntratt, la jista' jiggjova u lanqas jippregudika lit-terz li ma ippartecipax tant li ghalih il-ftehim jibqa' *res inter alios acta.*

Huwa fatt pacifiku wkoll li l-krejazzjoni tal-vinkolu kuntrattwali, jew tat-thassir tieghu bil-kunsens ta' xulxin, li

jsemmi l-Artikolu 992(2) tal-Kapitolu 16, sakemm ma jkunx wiehed fost dawk elenkati fl-Artikolu 1233 tal-Kodici Civili, ma jirrikjedix il-forma skritta *ad substantiam,* izda jista' jirrizulta minn akkordju verbali jew anke mill-volonta` komuni tacita.

Tradott ghal kaz in ispecie, l-ftehim li kien hemm ezisitenti bejn il-kontendenti, ma kienx jinnecessita` li jsir bilfors bil-kitba ghas-sussistenza tieghu u l-ftehim kien allura effikaci xorta wahda, anke minghajr il-kitba. In effetti jidher, ghal inqas mill-provi prodotti, li l-konvenuti kienu jafu x'kienet l-intensjoni tal-attur u x'kien qed jippretendi ghas-servizz li kien qed jaghti u ma waqfuhx minn dan l-inkarigu. Mhux talli hekk, izda kien jiċċerja hafna *meetings* fejn l-impjegati tal-Union kienu jkunu presenti, kif jidher minn qari tal-minuti esebiti u hadd m'oggezzjona ghalih.

Evidentement jidher car, li l-konvenuti appellanti qed jinjoraw aspett ferm important u cioe li l-attur ried minn dejjem li l-kundizzjonijiet li kien ftiehem dwarhom ma Tony Zarb, jigu miktuba, il-konvenuti minn naha taghhom qatt ma wrew ix-xewqa li l-fethim verbali jigi ridott f'kitba. M'hemm l-ebda korrispondenza f'dan is-sens. Ghalihom, l-post vakanti kien ittiehet u kienu kuntenti bl-operat tieghu. Fil-fatt kien biss meta l-attur irrizenja minn dan l-inkarigu, li l-post tieghu gie mehud minn Steve McCarthy b'kundizzjonijiet differenti. Fl-ebda stadju tal-provi ma l-konvenuti jittentaw juru lil Qorti, li ghalihom l-ftehim li kien hemm bejn Tony Zarb u l-attur, ma kienx *res ipsa loquitur*.

Jinsab preskritt fl-Artikolu 114 tal-Kodici tal-Kummerc illi:-

"*Jekk il-partijiet ikunu ftiehmu li l-ftehim bil-fomm, ghandu jitnizzel bil-miktub, hu prezunt li huma riedu jassoggettaw il-validita` tieghu ghat-tharis ta' dik il-formalita*`", kif ahjar imfisser mill-Qorti tal-Appell, Sede Kummercjali, fid-decizjoni taghha fil-kawza fl-ismijiet "**Giuseppe Vella Gatt *nomine* -vs- Giuseppe Darmanin *et***", tlieta w ghoxrin (23) ta' Novembru 1956 (**Kollez. Vol. XL P I p 572**).

**Ghalhekk, minhabba is-suespost, il-Qorti tiddeciedi billi tilqa t-talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenuti**

**sabiex ihallsu lill-atturi bejniethom w *in solidum* is-somma ndikata fl-avviz fl-ammont ta' LM2360 ekwivalenti ghal hamest elef, erbgha mija, disgha w disghin euro (€5499).**

**L-ispejjez u l-imghax skond il-ligi jithallsu mill-konvenuti *in solidum.***

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------